**27 ta' Jannar, 1997**

**Imħallef:-**

**Onor. Geoffrey Valenzia B.A., LL.D.**

Milica Micovic

*versus*

Dr. Philip Attard Montalto

## Malafama - Libell

*Il-Qrati tagħna rritenew li in linea di massima meta persuna tgħajjar persuna oħra b'difett fiżiku hemm dejjem inġurja. Hu veru li wieħed irid iqis iċ-ċirkostanzi li fihom jingħad id-diskors iżda li wieħed jgħajjar lill-ieħor miġnun mhux ġustifikat taħt l-ebda ċirkostanza.*

Il-Qorti:-

Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-attriċi ppremettiet illi l-konvenut bagħat ittra ddatata 1 ta' Novembru, 1993 dattilografata lil diversi persuni, kopja ta' liema ittra hija hawn esebita u mmarkata, Dokument A, u ittra oħra ddatata 14 ta' Settembru, 1994 indirizzata lil Eileen Busietta hawn esebita u mmarkata, Dokument B;

U premess illi f'dawk iż-żewġ ittri huwa għamel allegazzjonijiet dwar il-komportament ta' l-attriċi u dwar il-karattru tagħha u allega fost affarijiet oħra li hija giddieba, miġnuna u mgħomija bil-mibegħda u l-għira u kliem ieħor inġurjuż;

U premess illi l-attriċi ħasset ruħha inġurjata b'dawn l-allegazzjonijiet fil-konfront tagħha;

U premess illi tali allegazzjonijiet ippubblikati fil-fuq imsemmija ittri huma malafamanti għar-reputazzjoni ta' l-attriċi u għalhekk libellużi;

L-attriċi talbet li din l-Onorabbli Qorti:

Tiddikjara lill-konvenut responsabbli ta' malafama u libell fil-konfront ta' l-attriċi minħabba l-ittri fuq imsemmija;

Tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attriċi dawk id-danni u penali li jiġu llikwidati minn dina l-Qorti li fil-konfront tal-konvenut ma jeċċedux is-somma ta' elfejn lira Maltija;

Bl-ispejjeż kontra l-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni ġuramentata ta' l-attriċi a fol. 3;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut a fol. 11 fejn eċċepixxa:

Illi l-allegata kitba malafamanti tammonta għall-*fair comment* dwar materja interna ta' soċjetà li saret f'atmosfera ta' insulti u provokazzjoni da parti ta' l-istess attriċi;

Salvi eċċezzjonijiet oħra;

*Omissis*;

Il-konvenut sostna li l-kliem fl-ittra ma kienx offensiv billi dina kienet ġlieda fil-familja u biex jiġbed l-attenzjoni tal-membri l-oħra tal-familja illi l-attitudini ta' l-attriċi kienet ta' dannu għall-familja. Hu ma sejjaħilhiex miġnuna iżda "*a proper case for treatment*";

L-attriċi qed toġġezzjona għall-ittra li kiteb il-konvenut fejn hemm li l-attriċi "*is clearly an obvious case for treatment*" ċjoè miġnuna;

Skond Gatley On Libel and Slander (Eight Edition fol. 37) "***It is libellous to write and publish of a man** (or a woman) **that he is insane**, or is not quite responsible for what he does. It is true that insanity is a misfortune and not a fault, and that a person suffering therefrom is an object of pity or sympathy rather than of hatred, ridicule or contempt. But it is no less true that the tendency of such an imputation is to exclude the person **alledged** to be insane from the society of his fellow-men*";

Din id-dottrina ġiet segwita mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-kawża **R. Grech *vs* C. Pulo** tat-23 ta' Mejju, 1953, Vol. 37, Pt. 4, p. 1204 fejn dika l-Qorti kienet qalet li: "in linea

*ta' massima meta persuna tgħajjar persuna oħra b'difett fiżiku,* hemm dejjem inġurja", imbagħad ikkwotat b'approvazzjoni lil Gattey kif fuq riprodott;

Il-konvenut qed jissottometti li dina kienet kwistjoni interna ta' kumpannija kummerċjali u wieħed irid jeżamina l-isfond li fih inkitbu dawn l-ittri. Għalkemm kien hemm pubblikazzjoni iżda dina kienet waħda limitata u interna. Hu għamel *valued judgement* u attribuzzjoni ta' fatt li hu veru. Il-kum'menti tiegħu veru li kienu ibsin, iżda l-iskop tiegħu kien wieħed ta' *animus consulendi* u mhux *injurandi.* Skond il-konvenut, il-kumment kien wieħed ġustifikat. Hu rrifera għall-ġurisprudenza reċenti tal-Qrati tagħna fejn qieset f'liema każijiet il-Qorti "għandha tippermetti latitudini fil-kritika li tista' tkun mhux biss iebsa imma ukoll azzardata entro i termini aċċettati tad-deċenza permissibbli f'soċjetà demokratika";

Illi hu veru li wieħed irid iqis iċ-ċirkostanzi li fihom jingħad id-diskors, iżda li wieħed jgħajjar lill-ieħor miġnun mhux ġustifikat taħt l-ebda ċirkostanza. Se mai dawn iċ-ċirkostanzi jistgħu jittieħdu in konsiderazzjoni meta l-Qorti tiġi biex tapplika l-piena jew ammont ta' danni li l-konvenut jista' *jiġi kkundannat iħallas;*

Fil-kliem li kiteb il-konvenut hemm l-*animus injurandi* u l-Qorti ma tarax li kien hemm biss *animus consulendi.* L-intenzjoni kienet li bil-kliem inkriminat inaqqas l-istima u r-reputazzjoni jew l-unur jew ir-rispettabilità ta' l-attriċi jew li jesponiha għad-disprezz ta' l-azzjonisti l-oħra. Dan ma jistax lanqas jiġi kkunsidrat bħala *fair comment.* Il-Qorti ma tarax li kritika bħal dik li għamel il-konvenut ċjoè li għajjar persuna miġnuna, tista' leġittimament tiġi kkunsidrata xi kritika deċenti permessa f'soċjetà ċivili;

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi billi tiddikjara li l-kliem fuq riferit hu libelluż u malafamanti fil-konfront ta' l-attriċi, iżda in vista tal-fatt li dawn l-ittri kienu ta' ċirkolazzjoni interna u limitata, il-mod indirett kif tpoġġew il-kliem inkriminanti u ċ-ċirkostanzi tat-tilwima li nħalqet fil-kumpannija, tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attriċi s-somma ta' Lm50 (ħamsin lira Maltija) (f'dan il-każ id-danni għandhom ikunu aktar minn *token*) bħala danni għall-malafama bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 28 tal-Kap. 248; bl-ispejjeż kontra l-konvenut.